

Brussell, 5 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9555/26

SOC 280
GENDER 43
ANTIDISCRIM 59
JAI 633
DROIPEN 95
TELECOM 255
CYBER 242
JEUN 82

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8592/1/26 REV 1
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika fuq il-bniet - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Presidenza ħejjiet sett ta' abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika fuq il-bniet."
2. Il-Konklużjonijiet huma bbażati fuq rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) intitolat "From lived reality to policy action: Combatting cyber violence against girls in the EU" (Mir-realtà tal-ħajja għal azzjoni politika: niġġieldu l-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet fl-UE) li jinsab fid-dokument 9800/26.
3. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-13 ta' Marzu, is-17 ta' April, l-4 ta' Mejju u t-13 ta' Mejju 2026.

4. Intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz tat-test kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.
 5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden
 - jieħu nota tar-rapport tal-EIGE, kif jinsab fid-dokument 9800/26; u
 - jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill fl-Anness ta' din in-nota lill-Kunsill EPSCO għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2026.
-

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza
ċibernetika fuq il-bniet¹**

FILWAQT LI JINNOTA LI

1. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-valuri Ewropej. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll bejn il-bniet u s-subien, hija dritt fundamentali u valur fundatur tal-Unjoni Ewropea, minqux fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li "fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tfittex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġġixxi ugwaljanza, bejn l-irġiel u n-nisa."
3. L-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li, "fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-orijini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali."
4. Il-Karta tiddikjara li "l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha" u li "kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-integrità fiżika u mentali tagħha." Barra minn hekk, skont l-Artikolu 21 tal-Karta, "Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita."

¹ Konklużjonijiet imfassla fil-kuntest tar-rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, b'referenza partikolari għal Oqsma Kritiċi ta' Tħassib D ("Il-vjolenza fuq in-nisa") u L ("It-tfal bniet").

5. L-Artikolu 24 tal-Karta jiddikjara wkoll li "t-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni u għall-kura meħtieġa għall-ġid tagħhom" u li "[f]l-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja."
6. Il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tidentifika l-"Vjolenza fuq in-nisa" (Qasam Kritiku ta' Tħassib D) bħala ostaklu għall-kisba tal-oġettivi tal-ugwaljanza, l-iżvilupp u l-paċi, u tiddikjara wkoll li l-vjolenza fuq in-nisa tikser u tfixxkel jew tħassar il-possibbiltà li n-nisa jgawdu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tagħhom.
7. Taħt il-Qasam Kritiku ta' Tħassib L "It-tfal bniet", il-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tappella lill-Gvernijiet u, kif xieraq, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u dawk mhux governattivi jieħdu miżuri leġiżlattivi, amministrattivi, soċjali u edukattivi xierqa biex jipproteġu lit-tfal bniet, fl-unità domestika u fis-soċjetà, minn kull forma ta' vjolenza fiżika jew mentali, korrimment jew abbuż, negliġenza jew trattament negliġenti, trattament ħażin jew sfruttament, inkluż abbuż sesswali.
8. Il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma persistenti ta' diskriminazzjoni, li għandha l-għeruq tagħha f'relazzjonijiet ta' poter mhux ugwali bejn in-nisa u l-irġiel. Il-prevenzjoni tagħha u l-ġlieda kontriha huma responsabbiltà tas-soċjetà, peress li hija ddgħajfef l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tillimita l-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa u tal-bniet fis-soċjetà, inkluż fl-isfera diġitali u l-ħajja pubblika.
9. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal adottata mill-Kummissjoni għandha l-għan li tipproteġi u tippromwovi d-drittijiet tat-tfal fil-politiki kollha tal-UE, b'enfasi fuq il-prevenzjoni tal-vjolenza u l-iżgurar ta' parteċipazzjoni sikura fl-ambjent diġitali. F'dan il-kuntest, l-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-intelliġenza artifiċjali, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza huma rilevanti wkoll.

10. Sar progress sinifikanti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali fl-isforzi biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, inkluż l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika u l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul").
- Madankollu, il-vjolenza abbażi tal-ġeneru għadha prevalenti u sottorapportata. It-traspożizzjoni f'waqtha u konformi u l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva għalhekk huma meħtieġa biex dan il-fenomeni inaċċettabbli jiġi indirizzat, inkluż miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-diversi forom ta' vjolenza ċibernetika kontra l-bniet. Ir-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 1 tal-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO) dwar id-dimensjoni diġitali tal-vjolenza fuq in-nisa tappoġġa l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Istanbul fil-kuntest tal-vjolenza online u l-vjolenza ffaċilitata mit-teknoloġija. GREVIO enfasizza l-fatt li l-bniet huma f'riskju akbar ta' vjolenza bħal din. F'dan il-kuntest, għandha titqies il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt, kif ukoll standards rilevanti oħra tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-intelliġenza artifiċjali, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza.

11. Id-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji għal soċjetà ugwali bejn il-ġeneri meħmuża mal-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni Ewropea għad-Drittijiet tan-Nisa, li ġiet approvata mill-Istati Membri kollha, telenka "Il-libertà mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru" bħala l-ewwel prinċipju u tiddikjara li "kull mara u tifla għandha d-dritt għas-sigurtà u li tiġi ttrattata b'dinjità, kemm online kif ukoll offline, fil-ħajja pubblika u privata." L-Istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030 tindirizza l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħala l-ewwel minn tmien pilastri għal azzjoni. L-Istrateġija tippreżenta l-vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru bħala "theddida li qed teskala malajr għan-nisa u l-bniet" li tinvolvi "t-tixrid rapidu ta' immaġnijiet intimi mhux kunsenswali fuq l-internet, diffikultajiet fit-tneħħija ta' tali kontenut illegali, u theddid ta' mibegħda u vjolenti online." Il-Kummissjoni impenjat ruħha li "tagħti attenzjoni speċifika lir-rwol tal-intelliġenza artifiċjali fil-produzzjoni u t-tixrid ta' deepfakes u deepnudes ta' ħsara u sesswalment espliċiti."

12. Ir-Regolament (UE) 2022/2065 (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, minn hawn 'il quddiem "DSA") għandu l-għan li joħloq ambjent online aktar sikur għall-utenti fl-Unjoni, b'sett ta' regoli li, b'mod partikolari, jobbligaw lill-pjattaformi online kbar ħafna (VLOP) jew lill-magni tat-tiftix online kbar ħafna (VLOSE) jivvalutaw u jimmitigaw riskji sistemiċi, inkluż it-tixrid ta' kontenut illegali, kwalunkwe effett negattiv reali jew prevedibbli b'rabta mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-minorenni u l-konsegwenzi negattivi serji għall-benesseri fiżiku u mentali ta' persuna, u l-effetti negattivi għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għan-nondiskriminazzjoni u d-drittijiet tat-tfal. Jobbliga wkoll lill-VLOPs u lill-VLOSEs jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni biex jiproteġu d-drittijiet tat-tfal, li jistgħu jinkludu, pereżempju, l-adattament tad-disinn, tal-karatteristiċi jew tal-funzjonament tas-servizzi tagħhom, l-adattament tal-proċessi ta' moderazzjoni tal-kontenut, l-adattament tas-sistemi ta' rakkomandazzjoni tagħhom, u miżuri mmirati biex jiproteġu d-drittijiet tat-tfal, bħal, meta xieraq, l-użu ta' għodod ta' verifika tal-età u ta' kontroll mill-ġenituri. Id-DSA jobbliga wkoll lill-VLOPs u lill-VLOSEs jivvalutaw u jimmitigaw ir-riskji sistemiċi li jirriżultaw mit-tfassil u l-funzjonament tas-servizzi tagħhom, inkluż is-sistemi ta' rakkomandazzjoni, li jistgħu jikkontribwixxu għad-disseminazzjoni rapida u wiesgħa ta' kontenut illegali u għal ħsara oħra, bħall-amplifikazzjoni algoritmika tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-kontenut ta' ħsara u l-abbuż iffaċilitat mit-teknoloġija. Dawn it-tipi ta' ħsara jista' jkollhom impatt differenti fuq in-nisa u l-bniet meta mqabbla mal-irġiel u s-subien.
13. Huwa importanti wkoll li jitqiesu l-impatti differenti li s-sistemi ta' rakkomandazzjoni u l-għodod ġenerattivi tal-IA jista' jkollhom fuq in-nisa u l-bniet u fuq l-irġiel u s-subien.

14. Ir-Regolament (UE) 2024/1689 (l-"Att dwar l-IA") jirrikonoxxi r-riskji u l-isfidi assoċjati mal-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż l-obbligi ta' trasparenza għas-sistemi tal-IA li "jiġġeneraw jew jimmanipulaw kontenut ta' immaġni, awdjo jew vidjo li jixbah b'mod sinifikattiv lil persuni, oġġetti, postijiet, entitajiet jew avvenimenti eżistenti u li jidher b'mod falz li persuna tkun awtentika jew veritiera (deepfakes)," u jinnota speċifikament li " skont iċ-ċirkustanzi fir-rigward tal-applikazzjoni, l-użu u l-livell ta' żvilupp teknoloġiku speċifiċi tagħha, l-IA tista' toħloq riskji u tikkawża ħsara lill-interessi pubbliċi u lid-drittijiet fundamentali li huma protetti bil-liġi tal-Unjoni. Din il-ħsara tista' tkun materjali jew mhux materjali, inkluż ħsara fiżika, psikoloġika, soċjetali jew ekonomika."
15. L-IA tista' tippermetti wkoll forom oħra ta' abbuż iffaċilitat mit-teknoloġija, inkluż il-ħolqien jew it-tixrid mhux kunsenswali ta' kontenut sintetiku ta' natura intima, kif ukoll il-personifikazzjoni, il-manipulazzjoni jew il-koerċizzjoni. L-indirizzar ta' riskji bħal dawn jeħtieġ approċċ komprensiv u trażversali. Miżuri effettivi jistgħu jinkludu mekkaniżmi għar-rapportar, l-indirizzar u t-tneħħija ta' kontenut ta' ħsara, kif ukoll il-ħtieġa tal-kunsens mogħti liberament, speċifiku, infurmat, mhux ambigwu u espliċitu tal-persuna murija għall-ġenerazzjoni jew il-manipulazzjoni tax-xebh tagħhom u l-pubblikazzjoni tiegħu online.
16. It-teħid ta' miżuri għall-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet, kif ukoll id-diskriminazzjoni multipla, inkluż id-diskriminazzjoni intersezzjonali, matul it-tfassil, l-iżvilupp u l-użu tas-sistemi tal-IA, huwa partikolarment importanti.
17. Id-Direttiva 2012/29/UE ("id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi") tistabbilixxi standards minimi għad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi kollha ta' kriminalità, inkluż it-tfal vittmi ta' ċiberkriminalità.

18. Id-Direttiva 2018/1808/UE ("id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva") tobbliga lill-Istati Membri "jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li s-servizzi tal-media awdjoviżiva provduti minn fornituri tas-servizzi tal-media taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom, li jistgħu jfixxlu l-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minorenni jkunu disponibbli biss b'tali mod li jkun żgurat li l-minorenni normalment ma jarawhomx jew ma jisimgħuhomx. Huma għandhom ikunu proporzjonati għall-ħsara potenzjali tal-programm." Eżempji tal-kontenut l-aktar ta' ħsara pprovdut fid-Direttiva jinkludu pornografija u vjolenza gratwita. Tali kontenut ta' ħsara ma għandux ikun aċċessibbli għall-minorenni permezz ta' servizzi tax-xandir, servizzi fuq talba, u pjattaformi ta' video-sharing.
19. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1238 dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal tistieden lill-Istati Membri jiżguraw risponsi koordinati, iċċentrati fuq it-tfal u multidixxiplinari għall-forom kollha ta' vjolenza fuq it-tfal, inkluż il-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet.

20. It-tfal, speċjalment dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, huma partikolarment f'riskju ta' sfruttament online u speċjalment sfruttament sesswali, u l-bniet huma l-aktar affettwati. Fl-2024, il-vittmi tat-traffikar għall-isfruttament sesswali kienu jirrappreżentaw 46.4 % tal-vittmi kollha rreġistrati tat-traffikar. 26 % tal-vittmi tat-traffikar għall-isfruttament sesswali kienu tfal (24 % kienu bniet, u 2 % kienu subien).² Id-Direttiva 2024/1712/UE dwar il-prevenzjoni u l-għlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-reati tat-traffikar, tikkriminalizza l-użu konxju tas-servizzi provduti mill-vittmi tat-traffikar, u ssaħħa l-appoġġ għall-vittmi u l-kooperazzjoni transfruntiera. Barra minn hekk, hija tkompli ssaħħa l-azzjoni kontra r-reklutaġġ u l-isfruttament online. L-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni issa huwa, taħt ċerti ċirkustanzi, meqjus bħala ċirkustanza aggravanti. B'mod partikolari, skont id-Direttiva 2024/1712/UE, it-tixrid ta' immaġnijiet jew vidjos jew materjal simili ta' natura sesswali li jinvolvi lill-vittma, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, meta jkun relatat ma' delitt tat-traffikar tal-bnedmin, jitqies bħala ċirkustanza li tista' twassal għal pieni aktar severi.

² Ara s-sit web tal-Eurostat "[Trafficking in human beings statistics - Statistics Explained - Eurostat](#)." Ara wkoll id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Statistics and trends in trafficking in human beings in the European Union in 2021-2022" (Statistika u xejriet fit-traffikar tal-bnedmin fl-Unjoni Ewropea fl-2021-2022) (SWD (2025) 4 final).

21. Il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet (CVAWG) tinkludi spettru wiesa' ta' forom differenti ta' ħsara online, inkluż stalking, bullying, fastidju sesswali, it-tixrid mhux kunsenswali ta' immaġnijiet intimi, diskors ta' mibegħda, flashing online, inċitament ċibernetiku għall-vjolenza jew għall-mibegħda u diversi forom ta' sfruttament. Il-Premessa 6 tad-Direttiva (UE) 2024/1385 tirrikonoxxi li l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika jistgħu jiġu aggravati meta persuna tkun soġġetta għal diskriminazzjoni bbażata fuq kombinament ta' sess u kwalunkwe raġuni jew raġunijiet oħra ta' diskriminazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 21 tal-Karta. Il-vjolenza ċibernetika taffettwa b'mod predominanti lin-nisa u lill-bniet, u ċerti gruppi demografiċi jesperjenzaw esponiment u mmirar sproporzjonati, inkluż dawk imsemmija fil-Premessi 71 u 72 tad-Direttiva (UE) 2024/1385. Madankollu, l-irġiel u s-subien jistgħu jkunu wkoll vittmi ta' vjolenza ċibernetika, inkluż sesstorsjoni, doxing u rikatt. L-awturi tal-vjolenza ċibernetika jistgħu jaġixxu individwalment, fi gruppi koordinati, jew permezz ta' networks organizzati, billi jisfruttaw pjattaformi diġitali bħall-media soċjali, applikazzjonijiet ta' messaġġi istantanji, posta elettronika, kanali tat-telekomunikazzjoni u infrastrutturi online oħra biex iwettqu dawn l-atti. Barra minn hekk, l-awturi, inkluż is-šhab intimi, jużaw ukoll software ta' spjunaġġ u sistemi ta' monitoraġġ tad-dar bħall-kameras tas-CCTV biex iwettqu vjolenza ċibernetika.
22. Il-faċilità li biha l-individwi jistgħu jipparteċipaw fi vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet tfisser li hija involuta firxa dejjem usa' ta' awturi, xprunata minn firxa ta' motivi differenti, inkluż il-misoġinija, il-kilba għall-poter, il-popolarità jew l-istatus, u l-aspirazzjoni li jikkonformaw man-normi perċepiti tal-maskulinità.

23. Il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet isseħħ bħala parti minn kontinwu usa' ta' vjolenza li jkopri kemm imġiba online kif ukoll offline, u dan jirrifletti n-natura interkonnessa tal-abbuż diġitali u offline. Studji empiriċi jiżvelaw trikkib sinifikanti bejn il-vjolenza ċibernetika u l-abbuż offline; pereżempju, l-Istħarriġ tal-UE dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru (2024) jindika li 8.5 % tan-nisa esperjenzaw cyberstalking, u li 10.2 % tan-nisa li xi darba kellhom sieheb³ esperjenzaw imġiba ta' kontroll minn sieħeb attwali jew preċedenti, bħall-insistenza li jkunu jafu fejn qegħdin, inkluż permezz tal-monitoraġġ tal-lokalizzazzjoni tagħhom permezz tal-media soċjali jew it-trekkjar tal-lokalizzazzjoni. Skont sħarriġ⁴ imwettaq mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), il-maġġoranza l-kbira tal-mibegħda online—imkejla skont il-volum tal-posts—hija diretta lejn in-nisa. Il-posts diretti lejn in-nisa fihom l-ogħla livelli ta' lingwaġġ offensiv u denigrazzjoni. Dan l-istudju sab ukoll livelli ogħla ta' inċitament għall-vjolenza kontra n-nisa meta mqabbla ma' gruppi oħra.
24. Il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet feġġet bħala forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru li qed tipprolifera b'mod rapidu u li għandha impatt partikolarment qawwi fuq l-adolexxenti. Hekk kif il-komunikazzjoni diġitali qed issir dejjem aktar integrata fin-nisġa soċjali tal-ħajja taż-żgħażaġh, l-ambjenti online, it-teknoloġija u l-applikazzjonijiet diġitali għandhom rwol ċentrali fit-tiswir tar-relazzjonijiet interpersonali. L-influwenzaturi u l-kontenut li joħolqu jista' jkollhom effett ta' ħsara fuq l-adolexxenti u t-tfal. Miżuri effettivi għall-mitigazzjoni ta' dan ir-riskju jinkludu l-iżgurar tar-responsabbiltà, il-promozzjoni ta' prattiki ta' kontenut responsabbli u t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-minorenni.

³ Nisa li kellhom sieħeb intimu fiż-żmien tal-istħarriġ jew li kellhom sieħeb intimu fil-passat.

⁴ Ara "Online Content Moderation – Current challenges in detecting hate speech, 2023." (Moderazzjoni tal-Kontenut Online – Sfidi attwali fid-detezzjoni tad-diskors ta' mibegħda, 2023)."

25. Il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet toħloq riskji serji għas-saħħa mentali u fiżika tat-tfal u l-adolessenti, b'mod partikolari għall-bniet, u tikkawża esklużjoni soċjali, ansjetà u inċitament għall-awtokorrimment u tista', f'każijiet estremi, twassal għal suwiċidju. Barra minn hekk, esponiment bikri għal kontenut pornografiku jista' wkoll isaħħaħ l-istereotipi, jikkontribwixxi għal imġiba u attitudnijiet ta' ħsara, u jinnormalizza l-vjolenza. Il-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet għandha wkoll konsegwenzi soċjali, politiċi u ekonomiċi sinifikanti, li jheddu d-demokrazija u l-kompetittività. Tista' twassal biex in-nisa u l-bniet jirtiraw mill-isfera diġitali, jiċċensuraw lilhom infushom u jsiru iżolati, u dan jillimita l-opportunitajiet tagħhom fl-edukazzjoni u l-impjieg, inaqas l-aċċess għal networks ta' appoġġ, u jiskoraġġixxi l-parteċipazzjoni fil-ħajja pubblika u politika.
26. Skont l-istudju tal-EIGE intitolat "From lived reality to policy action: Combatting cyber violence against girls in the EU", (Mir-realtà tal-ħajja għal azzjoni politika: niġġieldu l-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet fl-UE), il-vjolenza ċibernetika saret aspett ta' rutina tal-ħajja diġitali u soċjali tal-bniet u n-nisa żgħażaġh, b'xejriet ċari relatati mal-età. L-adolessenti iżgħar (13–15) huma aktar suxxettibbli li jiltaqgħu ma' esklużjoni, zekzik u umiljazzjoni ta' ġisimhom, filwaqt li bniet akbar fl-età (16–18) huma soġġetti b'mod sproporzjonat għal forum ta' vjolenza sesswali, inkluż sesstorsjoni, grooming u kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' immaġnijiet ta' natura intima. B'mod partikolari, l-adolessenti żgħażaġh huma dejjem aktar esposti għal forum sesswalizzati u koerċittivi ta' abbuż online, li jissuġġerixxi t-twessigħ tal-firxa tal-vjolenza ċibernetika fost il-gruppi ta' età u n-normalizzazzjoni tagħha. Dawn ix-xejriet jenfasizzaw l-importanza tal-edukazzjoni dwar il-kunsens fil-kuntest tal-interazzjonijiet diġitali, sabiex jiġi żgurat li dan il-prinċipju jiġi rispettatt. In-nuqqas ta' kunsens, speċjalment fil-kondiviżjoni ta' immaġnijiet jew kontenut intimu, huwa ċentrali għal ħafna forum ta' vjolenza ċibernetika.

27. L-istudju tal-EIGE juri wkoll distakk bejn l-isforzi ta' prevenzjoni eżistenti u l-esperjenzi li għexu l-adolexxenti. Il-bniet jesprimu prinċipalment frustrazzjoni bil-kampanji skolastiċi u r-risponsi istituzzjonali, u jiddeskrivuhom bħala skaduti u irrilevanti għar-realtajiet diġitali tagħhom. L-ostakli strutturali bħall-biża' ta' zekzik f'komunitajiet żgħar jaggravaw il-problema, filwaqt li jiskoraġġixxu r-rapportar u jħallu ħafna adolexxenti mingħajr protezzjoni adegwata. Dan jenfasizza l-ħtieġa għal politiki tal-iskejjel aktar reattivi li jirriflettu r-realtajiet tad-dinja diġitalizzata tal-lum. Li wieħed iċċekken l-impatt tal-ħsara online joħloq riskju li ż-żgħażaġh iħossuhom iżolati u invalidati. Il-passi meħtieġa biex terġa' tinkiseb il-fiduċja tagħhom jinkludu t-titjib tar-risponsi istituzzjonali, l-iżgurar tal-kunfidenzjalità u l-għoti ta' perkorsi ta' appoġġ ċari.
28. L-UE saħħet progressivament il-qafas regolatorju tagħha biex tindirizza l-vjolenza ċibernetika, abbażi ta' firxa wiesgħa ta' strumenti legali u dawk ta' politika. Din l-evoluzzjoni tirrifletti sensibilizzazzjoni dejjem akbar tal-vulnerabbiltajiet li jesperjenzaw il-bniet, li huma msawra minn fatturi intersezzjonali bħall-età, diżabbiltà, l-etniċità, l-istatus soċjoekonomiku u l-orjentazzjoni sesswali. Madankollu, id-definizzjonijiet tal-vjolenza ċibernetika jvarjaw bejn il-ġurisdizzjonijiet, il-mekkaniżmi ta' infurzar mhumiex uniformi, l-atturi rilevanti ma għandhomx it-taħriġ meħtieġ, u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi mhumiex disponibbli b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, il-ħolqien rapidu ta' forom ġodda ta' ħsara ffaċilitata mit-teknoloġija — fosthom l-abbuż iffaċilitat mill-IA — ikompli joħloq sfida għall-kapaċità tal-oqfsa regolatorji eżistenti li jlaħħqu magħhom. Dawn l-isfidi jeħtieġu approċċ ta' sikurezza mid-disinn u approċċi reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, inkluż, fejn xieraq, valutazzjonijiet tal-impatti potenzjali fuq id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza.
29. Huwa kritiku li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ġbir, il-ħżin u l-aċċess tad-data għas-sikurezza kemm tat-tfal kif ukoll tal-adulti, peress li t-trattament mhux xieraq ta' informazzjoni sensittiva bħal immaġnijiet, kontenut, jew dettalji personali jista' jpoġġi lill-individwi f'riskju ta' sfruttament jew ta' vittimizzazzjoni.

30. Il-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet hija inkorporata fil-fond f'fatturi soċjali u kulturali usa', li jinkludu l-inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, in-normi tal-ġeneru li jinnormalizzaw l-aggressjoni u t-trasferiment tal-ħtija fuq il-vittma, id-dinamika bejn il-pari li tippremja l-imġiba abbużiva u ssaħħaħ l-istandards doppji, u t-tendenza possibbli li tiġi skużata l-imġiba ta' ħsara tas-subien filwaqt li l-esperjenzi tal-bniet ma jingħatawx importanza jew ma jiġux emmnuti. Dawn il-fatturi kollha jistgħu jikkontribwixxu għal imġiba ta' ħsara u trattament mhux uguali. Il-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet hija amplifikata mill-espansjoni u l-evoluzzjoni rapida tal-isfera diġitali u t-teknoloġija. Dan mhuwiex biss ir-riżultat ta' mġiba individwali iżda huwa msawwar minn inugwaljanzi sistemiċi li jrendu lil ċerti gruppi aktar vulnerabbli. L-atturi fl-hekk imsejjaħ "manosfera" jippromwovu b'mod attiv ideoloġiji misoġinistiċi, jinnormalizzaw is-sessiżmu u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u jrawmu ambjenti li fihom il-vjolenza online u offline kontra l-bniet hija nkoraġġuta jew skużata. Għalhekk, il-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet ma tistax tiġi indirizzata b'mod adegwat jekk tiġi iżolata minn kuntesti soċjali, kulturali u istituzzjonali usa'. Huwa essenzjali li jiġu avvanzati approċċi kkoordinati, reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru, intersezzjonali u ċċentrati fuq it-tfal u ż-żgħażaġħ biex jiġu żgurati prevenzjoni u protezzjoni sinifikattivi madwar l-UE, inkluż fil-kuntest tal-isforzi biex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni strutturali riprodotta jew amplifikata minn sistemi algoritmiċi u infrastrutturi diġitali.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, BIEX, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u bil-kunsiderazzjoni xierqa għall-awtonomija istituzzjonali u l-libertà akkademika fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ:

31. Jieħdu passi attivi, inkluż fil-livell reġjonali u dak lokali, biex jipprevjenu u jiġġieldu l-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet, billi:
- a) jippromwovu d-disinn u l-iżvilupp reattivi għal kwistjonijiet ta' ġeneru ta' teknoloġiji diġitali u sistemi tal-IA, inkluż it-teħid ta' azzjoni preventiva kontra l-vjolenza ċibernetika upstream, b'mod partikolari permezz ta' approċċ ta' sikurezza mid-disinn, kif ukoll billi jippromwovu miżuri għall-prevenzjoni tal-preġudizzju algoritmiku u l-eżiti diskriminatorji;
 - b) jippromwovu, fil-kuntest usa' tal-benesseri diġitali, litteriżmu diġitali reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru u kultura ta' awtokura diġitali fl-iskejjel, kemm għall-edukaturi kif ukoll għall-istudenti, li jinkludu suġġetti bħall-identità, l-impronti diġitali, is-sikurezza online, il-litteriżmu fil-media u fl-informazzjoni, l-identifikazzjoni tad-diżinformazzjoni u l-użu tal-IA ġenerattiva, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar il-preġudizzju algoritmiku, il-manipulazzjoni ġġenerata mill-IA u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija;
 - c) jipprovdu lill-ġenituri, lill-indokraturi u lill-kustodji legali bi gwida diġitali Prattika u aċċessibbli dwar it-trobbija tat-tfal, edukazzjoni u taħriġ fil-ħiliet u l-litteriżmu diġitali u għodod xierqa li jippermettulhom jidentifikaw, jipprevjenu u jindirizzaw l-abbuż iffaċilitat mit-teknoloġija fi stadju bikri u jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa, u jagħtu s-setgħa lit-tfal u liż-żgħażaġħ permezz ta' miżuri bħal edukazzjoni xierqa għall-età, inizjattivi mmexxija mill-pari u approċċi parteċipattivi, sabiex isaħħu l-aġenzija diġitali, il-fiduċja fihom infushom u l-kapaċità tagħhom li jirrikonossu, jisfidaw u jirrapportaw il-vjolenza ċibernetika;

- d) jipprovdu għodod xierqa lill-ġenituri, lill-indokraturi u lill-kustodji legali b'hal software ta' kontroll mill-ġenituri b'xejn, li jiġi attivat b'mod awtomatiku;
- e) jinkoraġġixxu lill-iskejjel u liċ-ċentri edukattivi informali jimplimentaw protokollu ċari għall-identifikazzjoni u r-rispons għal abbuż iffakilitat mit-teknoloġija u jqajmu kuxjenza dwar ir-rimedji legali ċivili disponibbli għall-vittmi, u b'hekk jiżguraw intervent u responsabbiltà f'waqthom;
- f) irawmu l-parteċipazzjoni uguali tan-nisa u l-bniet fil-qasam diġitali u l-aċċess tagħhom għall-ħiliet diġitali billi jħeġġu l-parteċipazzjoni tagħhom fl-oqsma STEM⁵ u l-intraprenditorija diġitali, sabiex jitnaqqas id-distakk diġitali bejn il-ġeneri u n-nisa u l-bniet ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet offruti mit-tranżizzjoni diġitali;
- g) jiżguraw li n-nisa u l-bniet f'riskju ta' diskriminazzjoni multipla, fosthom id-diskriminazzjoni intersezzjonali, jibbenefikaw minn miżuri speċifiċi ta' prevenzjoni, appoġġ u protezzjoni;
- h) jippromwovu edukazzjoni komprensiva u xierqa għall-età dwar il-prinċipju tal-kunsens, inkluż il-kunsens diġitali, filwaqt li jenfasizzaw li l-ħolqien, il-kondiviżjoni jew it-trażmissjoni ta' immaġnijiet, vidjos jew informazzjoni personali ta' natura intima mingħajr il-kunsens liberu, infurmat u espliċitu tal-persuna kkonċernata jikkostitwixxu ksur tad-dinjità u hija forma ta' vjolenza ċibernetika;
- i) jikkunsidraw il-promozzjoni ta' "skrinjar tas-sikurezza diġitali" regolari, adattat għall-età u kunfidenzjali għall-istudenti u l-edukaturi li huwa fl-aħjar interess tat-tfal, filwaqt li jiġi rrispettat bis-sħiħ id-dritt għall-privatezza;

⁵ Xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika.

- j) jindirizzaw l-istereotipi tal-ġeneri u n-normi sessisti tal-ġeneru, l-akkontabbiltà, il-kunċetti dannużi tal-maskulinità u l-femminilità u r-riskji ta' pressjoni dannuża mill-pari, inkluż bħala suġġett fl-iskejjel, b'mod partikolari billi jiġu żviluppati programmi adatti għall-età għas-subien u l-bniet, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għall-komunitajiet online, il-pjattaformi tal-media soċjali, is-servizzi tal-messaġġi u l-ambjenti tal-gaming, u billi jippromwovu kunċetti sani tal-maskulinità, ir-rispett, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u kultura ta' kunsens fir-relazzjonijiet kollha, kemm jekk online kif ukoll offline, fosthom relazzjonijiet sesswali bil-kunsens, kif ukoll il-promozzjoni ta' riflessjoni kritika dwar il-pornografija u l-imġiba sesswali online;
- k) joffru taħriġ dwar l-intervent minn persuni fil-qrib fil-qasam tal-edukazzjoni, kif ukoll fil-kuntest ta' programmi għaż-żgħażaġh, il-kura tas-saħħa u l-assistenza soċjali;
- l) jikkollaboraw mal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal, mal-ombudspersons tat-tfal, il-Korpi għall-Ugwaljanza, l-organizzazzjonijiet immexxija miż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet tal-familja u dawk lokali u jappoġġawhom, bl-użu ta' approċċi parteċipattivi aċċessibbli u t-tfassil konġunt ta' materjali li jindirizzaw il-vjolenza ċibernetika, il-vjolenza sesswali u l-isfruttament, kif ukoll il-prinċipju tal-kunsens u l-problema tat-trasferiment tal-ħtija fuq il-vittma, fi stil u format adatti għall-età;
- m) jippromwovu l-kuntatt bejn il-pari għad-diskussjoni dwar il-fastidju u r-relazzjonijiet diġitali sani;
- n) jappoġġaw il-programmi ta' intervent għall-awturi bl-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' reċidività, inkluż billi jiġu aġġornati l-programmi eżistenti biex jinkludu perspettiva ta' vjolenza ċibernetika, kif ukoll permezz tal-iżvilupp possibbli ta' programmi speċjalizzati għall-awturi tal-vjolenza ċibernetika, imfassla biex jiġġieldu direttament l-imġiba ta' ħsara online;

- o) itejbu l-protezzjoni tal-bniet u s-subien kontra l-vjolenza ċibernetika billi jestendu r-riżorsi u l-għarfien espert tekniku tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, fosthom il-kapaċità tagħhom li jidentifikaw, jiżguraw u jivvalutaw l-evidenza elettronika, kif ukoll isaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera bejniethom, li hija ħaġa partikolarment importanti minħabba li n-natura taċ-ċiberkriminalità ta' spiss tkun tranżnazzjonali;
- p) itejbu l-protezzjoni tal-bniet, speċjalment dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, kontra l-isfruttament online fil-kuntest tat-traffikar tal-bnedmin, billi jippromwovu koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn is-settur privat u l-infurzar tal-liġi, billi ssir ħidma biex jiġu żgurati d-detezzjoni u l-identifikazzjoni bikrija tal-attivitajiet tat-traffikar tal-bnedmin, b'enfasi fuq ir-reklutaġġ u l-isfruttament online, filwaqt li tiġi promossa wkoll is-sensibilizzazzjoni fost l-awturi u l-vittmi potenzjali sabiex jiġi evitat it-traffikar online, u billi l-vittmi u x-xhieda jiġu meġġuna jirrikonoxxu u jirrapportaw it-traffikar online;
- q) jipprevjenu u jiġġieldu l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' immaġnijiet, vidjos, jew materjal ieħor espliċitu li juri attivitajiet sesswalment espliċiti jew il-partijiet intimi ta' persuna, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, u billi l-miżuri tal-liġi kriminali jiġu kkomplementati b'sensibilizzazzjoni, inkluż fir-rigward tal-konsegwenzi għall-awturi, u mekkaniżmi ta' appoġġ għall-vittmi, u kooperazzjoni effettiva mal-pjattaformi online; u

- r) isaħħu u jkomplu jiżviluppaw sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal, filwaqt li titqies ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1238, biex jiġu żgurati prevenzjoni koordinata, iċċentrata fuq it-tfal u multidixxiplinari tal-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet u r-rispons għaliha, permezz ta' kooperazzjoni effettiva, perkorsi ċari ta' riferiment u kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn is-servizzi tal-edukazzjoni, tal-protezzjoni tat-tfal, dawk soċjali u tas-saħħa, l-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, b'rispett sħiħ tal-aħjar interessi tat-tfal u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

32. Itejbu r-regolamentazzjoni u l-infurzar, mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Istati Membri, billi:

- a) ifittxu li jiżguraw li l-Korpi għall-Ugwaljanza, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data jkollhom biżżejjed setgħat u rizzorsi biex jindirizzaw id-diskriminazzjoni algoritmika u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija;
- b) jippromwovu l-finanzjament adegwat għas-sinjalaturi fdati, li huma entitajiet esperti li l-avviżi tagħhom ta' kontenut illegali jridu jingħataw prijorità f'konformità mar-regoli stipulati fid-DSA, inkluż fil-qasam tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;
- c) isaħħu s-servizzi ta' appoġġ iċċentrati fuq il-vittmi billi jiġu promossi l-aċċessibbiltà u l-bini tal-kapaċitajiet professjonali u l-involviment xieraq mal-familji tal-vittmi, meta jkun ta' benefiċċju, abbażi ta' approċċ immirat u integrat bejn diversi aġenziji, u servizzi ta' appoġġ bħal linji telefoniċi jew tal-internet għall-ġhajjnuna li joffru pariri u assistenza lill-utenti, fejn xieraq fuq bażi kunfidenzjali jew anonima;

- d) jipprovdu kura, appoġġ għas-saħħa mentali u assistenza legali lill-vittmi, f'konformità mal-istandards dwar il-ġustizzja adattata għat-tfal, u jirriflettu perspettiva adatta għall-età u għad-diżabbiltà;
- e) jiżguraw il-koordinazzjoni bejn is-servizzi rilevanti kollha u jsaħħu l-għarfien u l-kapaċità professjonali tal-ħaddiema tal-ewwel linja, inkluż l-edukaturi, il-ħaddiema soċjali, l-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, l-atturi ġudizzjarji, il-fornituri tal-kura tas-saħħa u l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, inkluż fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ, billi jipprovduhom appoġġ teknoloġiku, kif ukoll riżorsi u taħriġ oħra rigward il-vjolenza ċibernetika, in-networks misoġinisti u x-xejriet ta' abbuż speċifiċi għall-pjattaformi, filwaqt li jrawmu approċċ iċċentrat fuq il-vittmi;
- f) jiżguraw li l-ħaddiema tal-ewwel linja u l-organizzazzjonijiet rilevanti jkunu jafu r-rwoli tagħhom fis-sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal;
- g) jikkunsidraw l-istabbiliment ta' punti ta' assistenza tekniċi nazzjonali u l-promozzjoni ta' finanzjament sostenibbli għal Ċentri għal Internet Aktar Sikur u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex jissaħħu l-isforzi ta' prevenzjoni u rispons, inkluż dawk li jindirizzaw riskji emerġenti, bħall-ħolqien u t-tixrid mhux kunsenswali ta' immaġnijiet intimi u ta' deepfakes iġġenerati mill-IA;
- h) jappoġġaw lill-familji, l-edukaturi, il-pari, il-fornituri ta' attivitajiet ta' divertiment u lil persuni fil-qrib u xhieda potenzjali oħra, inkluż permezz ta' korsijiet ta' taħriġ, sabiex tkun tista' ssir identifikazzjoni bikrija tal-vjolenza ċibernetika u intervent f'waqtu kontriha u sabiex jinħoloq ambjent proattiv u protettiv għat-tfal u ż-żgħażaġħ, fosthom proċeduri ċari għar-rapportar, ir-riferiment, il-valutazzjoni tar-riskju u s-segwitu fis-servizzi rilevanti kollha, permezz ta' approċċ integrat għall-protezzjoni tat-tfal;

- i) jiżguraw li l-miżuri għat-titjib tar-regolamentazzjoni u l-infurzar jaqdu l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u l-bniet friskju ta' diskriminazzjoni multipla, inkluż id-diskriminazzjoni intersezzjonali meta applikabbli;
- j) jipprovdu appoġġ u gwida lill-ġenituri, lill-indoktraturi u lill-kustodji legali sabiex jagħmlu deċiżjonijiet infurmati dwar l-aċċess bikri tat-tfal għall-ismartphones u għas-servizzi diġitali, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-użu bikri u mingħajr superviżjoni ta' apparati konnessi jista' jżid l-esponiment tat-tfal għar-riskji online, inkluż l-abbuż iffaċilitat mit-teknoloġija;
- k) iħeġġu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lir-riċerkaturi, lill-istituzzjonijiet edukattivi u lill-kumpaniji tat-teknoloġija jikkooperaw u jikkondividu l-aħjar prattiki għall-prevenzjoni u r-rispons; u
- l) fil-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju, jikkunsidraw l-għoti ta' taħriġ speċjalizzat dwar il-kriminalità ffaċilitata miċ-ċibernetika, it-trattament effettiv tal-evidenza diġitali, il-funzjonament tal-pjattaformi online, u l-karatteristiċi speċifiċi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru mwettqa fl-ambjent online.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA U LILL-ISTATI MEMBRI, BIEX, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, u bl-involvement tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) meta xieraq:

33. Jinkoraġġixxu lis-servizzi intermedjarji rilevanti bħal pjattaformi ta' hosting online, kumpaniji li jipprovdu servizzi tal-media soċjali diġitali, fornituri ta' pjattaformi ta' video-on-demand (VoD), kumpaniji tat-telekomunikazzjoni, u manifatturi ta' apparati elettroniċi, biex isegwu approċċ ta' protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku u sikurezza mid-disinn sabiex jipprevjenu l-użu ħażin u jinvestu f'għodod ta' identifikazzjoni u deterrenza bħal twissijiet pop-up, moderazzjoni effettiva tal-kontenut u identifikazzjoni bbażata fuq l-immaġnijiet ta' kontenut ta' ħsara u salvagwardji kontra l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' immaġnijiet intimi, f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

34. Jinkoraġġixxu lill-atturi ekonomiċi rilevanti biex jipprovdu b'mod proattiv lill-utenti b'informazzjoni aċċessibbli dwar il-vjolenza ċibernetika, is-servizzi ta' appoġġ disponibbli u l-mekkaniżmi ta' rapportar.
35. Jippromwov l-prevenzjoni tal-vjolenza online abbażi tal-ġeneru permezz tal-infurzar tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE, inkluż id-Direttiva (UE) 2024/1385, id-DSA u l-Att dwar l-IA, u permezz tal-implimentazzjoni tal-elementi relatati tal-oqfsa ta' politika bħall-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030 u l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.
36. Jappoġġaw il-kapaċità tal-Istati Membri li jikkooperaw fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda ta' ħsara u illegali offline u online, inkluż billi jippromwov diskussjonijiet bejniethom dwar il-fehim ta' dan il-kunċett.
37. Jinkoraġġixxu lis-servizzi intermedjarji rilevanti bħall-pjattaformi ta' hosting online u servizzi intermedjarji oħra biex jidentifikaw u jimmitigaw ir-riskji sistemiċi relatati mal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż dawk li jirriżultaw minn sistemi ta' rakkomandazzjoni, sistemi tal-IA ġenerattivi u mekkaniżmi awtomatizzati ta' amplifikazzjoni tal-kontenut u biex jiġġieldu kontra kontenut dannuż, u meta xieraq ineħħu minnufih it-tali kontenut, inkluż diskors ta' mibegħda online u materjal ieħor immirat lejn il-bniet, inkluż bniet mill-komunità LGBTI u bniet b'diżabilità jew minn minoranzi razzjali, etniċi jew reliġjużi, filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali inkluż il-libertà tal-espressjoni.
38. Jinkoraġġixxu lis-servizzi intermedjarji rilevanti bħall-pjattaformi ta' hosting online u servizzi intermedjarji oħra biex jorbtu l-mekkaniżmi ta' rapportar tal-vittmi ma' infrastrutturi tekniċi li jippermettu l-imblukkar bejn il-pjattaformi u l-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-vittmi, inkluż mekkaniżmi li jiżguraw rimedju aċċessibbli u rimedji għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija, u biex japplikaw prinċipji ta' sikurezza mid-disinn fl-iżvilupp u t-tħaddim ta' servizzi diġitali.

39. Jinkoraġġixxu lill-atturi ekonomiċi rilevanti jevalwaw, f'kollaborazzjoni mal-Korpi għall-Ugwaljanza u mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fejn xieraq, il-preġudizzju potenzjali tal-ġeneru u l-impatti diskriminatorji tal-ġhodod awtomatizzati ta' moderazzjoni tal-kontenut u tal-ġhodod tal-IA, li jistgħu jaffettwaw l-effettività tal-mekkaniżmi ta' detezzjoni, rapportar u rimedju għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru ffaċilitata mit-teknoloġija.
40. Jiżguraw li kontenut intimu jew sesswalment espliċitu ta' ħsara jew illegali, inkluż kontenut maħluq permezz ta' teknoloġiji ġodda, bħal materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal deepfake iżda li jidher realistiku, jitneħħa minnufih minn kwalunkwe pjattaforma online hekk kif jiġi identifikat, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali kollha.
41. Jappoġġaw, jiffaċilitaw u jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Att dwar l-IA, b'mod partikolari r-rekwiżit li l-fornituri tas-sistemi tal-IA jippermettu l-immarkar tal-outputs bħala ġġenerati mill-IA, u r-rekwiżit li l-implimentaturi ta' tali sistemi jimmarkaw b'mod ċar il-kontenut iġġenerat mill-IA bħala tali, sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni li d-deepfakes jintużaw biex jikkawżaw ħsara, inkluż il-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet.
42. Jiżguraw li l-ġbir tad-data jirrifletti d-diversità tal-esperjenzi tal-vittmi, li hija kritika għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, u li l-Istati Membri jiġbru d-data f'konformità mal-obbligi skont l-Artikolu 44 tad-Direttiva (UE) 2024/1385, f'kollaborazzjoni mal-EIGE meta xieraq. Jieħdu passi biex jiżguraw li r-riċerka u l-ġbir tad-data jiġbru l-esperjenzi speċifiċi ta' gruppi li jiffaċċaw diskriminazzjoni multipla, inkluż diskriminazzjoni intersezzjonali, sabiex jiġu ffaċilitati risponsi ta' politika inklużivi u effettivi.

43. Jinvestu friċerka u statistika fit-tul u bbażati fuq l-evidenza sabiex jifhmu n-natura li qed tevolvi u l-konsegwenzi tal-vjolenza ċibernetika. Jappoġġaw studji fit-tul li jeżaminaw l-impatti psikoloġiċi, soċjali u ekonomiċi tal-forom kollha ta' vjolenza ċibernetika kontra l-bniet, filwaqt li jinvolvu wkoll bordijiet konsultattivi għaż-żgħażaġħ, sabiex jinfurmaw u jiffaċilitaw it-titjib tal-miżuri ta' prevenzjoni, is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u l-iżvilupp tal-politika kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE. Jappoġġaw ir-riċerka dwar id-diskriminazzjoni algoritmika, l-abbuż ibbażat fuq l-IA, u l-impatti abbażi tal-ġeneru tat-teknoloġiji diġitali, kif ukoll ir-riċerka dwar l-ixprunaturi, l-imġiba, it-tattiċi u l-motivazzjonijiet tal-hekk imsejħa komunitajiet "manosfera" u "incel".
44. Jippromwovu u jiffinanzjaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jinkludu l-ilħna ta' bniet, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, sabiex titneħħa l-istigmatizzazzjoni tar-rapportar ta' abbuż ta' immaġnijiet intimi u tiġi enfasizzata l-ħsara kkawżata mill-ħolqien u l-kondiviżjoni mhux kunsenswali ta' tali kontenut.
45. Iqisu s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Panel Speċjali dwar is-sikurezza tat-tfal online li għadu kif ġie stabbilit, inkluż fir-rigward tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, ir-responsabbiltà algoritmika u d-drittijiet diġitali.
46. Ikomplu d-diskussjonijiet u l-iskambju tal-aħjar prattika dwar il-prevenzjoni tal-vjolenza ċibernetika.
47. Jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tat-tfal u speċjalment tal-bniet fl-istudji STEM u jżarmaw l-istereotipi marbuta mal-ġeneru f'dan il-qasam biex jiżguraw opportunitajiet indaqs fis-suq tax-xogħol diġitali.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

48. Tiegħu miżuri mmirati lejn l-indirizzar tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inkluż il-vjolenza ċibernetika, f'konformità mal-viżjoni fit-tul tal-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa, li l-prinċipji tiegħu huma riflessi fl-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2026-2030.
49. Tkompli torganizza l-Programm ta' Tagħlim Reċiproku dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u n-Network għall-Prevenzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa u tal-Vjolenza Domestika, u b'hekk tlaqqa' flimkien l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex jiskambjaw prattiki tajbin, u jipprovdu finanzjament għat-taħriġ, il-tisħiħ tal-kapaċitajiet u s-servizzi ta' appoġġ.
50. Tagħti attenzjoni speċjali lill-ħtieġa li tiġi evitata u miġġielda l-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet meta timplimenta l-Istrateġija tagħha dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ + 2026-2030.
51. Timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni tagħha Kontra l-Bullying Ċibernetiku, inkluż kampanji ta' sensibilizzazzjoni, ġbir ta' data u miżuri mmirati lejn il-prevenzjoni u l-indirizzar tal-bullying ċibernetiku kontra n-nisa u l-bniet, inkluż dawk friskju ta' diskriminazzjoni multipla, inkluż id-diskriminazzjoni intersezzjonali.
52. Tappoġġa lill-Istati Membri fit-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva (UE) 2024/1385, b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar ir-reati ta' vjolenza ċibernetika, it-tneħħija ta' kontenut online, kanali ta' rapportar online aċċessibbli u servizzi ta' appoġġ speċjalizzat għall-vittmi ta' ċiberkriminalità.
53. Tiżgura l-monitoraġġ tal-vjolenza ċibernetika fil-kuntest tal-obbligi skont id-Direttiva (UE) 2024/1385, u tappoġġa lill-Istati Membri biex itejbu l-ġbir ta' data amministrattiva dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, f'konformità mal-Artikolu 44 tad-Direttiva (UE) 2024/1385.

54. Tikkunsidra li testendi l-istħarriġ tal-Eurostat dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-UE kollha biex ikopri l-forom kollha ta' vjolenza ċibernetika.
55. Tkompli tissorvelja u tinforza d-DSA inkluż id-dispożizzjonijiet li japplikaw għall-VLOPs u għall-VLOSEs fil-qasam tal-kontenut illegali u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bħal dispożizzjonijiet dwar miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jistgħu jinkludu l-verifika tal-età li tippreserva l-privatezza u għodod ta' kontroll mill-ġenituri, meta xieraq, kif ukoll miżuri oħra deskritti fil-linji gwida tad-DSA dwar il-protezzjoni tal-minorenni.
56. Tippromwovi l-użu tal-informazzjoni li għandha ssir disponibbli mill-fornituri tas-servizzi intermedjarji skont ir-regoli dwar ir-rapportar tat-trasparenza u l-aċċess għad-data stipulati fid-DSA mir-riċerkaturi, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mill-partijiet ikkonċernati rilevanti sabiex jiġi żviluppat fehim aħjar ta' kif il-vjolenza abbażi tal-ġeneru timmanifesta ruħha fid-dinja online, inkluż data diżaggregata skont is-sess li tippermetti riċerka dwar l-impatt tal-algoritmi tal-pjattaformi fuq in-nisa u l-bniet u fuq l-irġiel u s-subien, rispettivament.
57. Tappoġġa l-ħidma ta' "sinjalaturi fdati" fil-qasam tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u ta' organizzazzjonijiet li jispeċjalizzaw fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. Tipprovdi lhom finanzjament, għodod u appoġġ istituzzjonali adegwati sabiex jaċċelleraw il-funzjonament tal-mekkaniżmi ta' rapportar, b'mod partikolari meta l-vittmi jkunu minorenni. Tappoġġa sinjalaturi fdati fil-kisba ta' għarfien espert dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, bl-użu tal-għarfien espert ta' Ċentri għal Internet Aktar Sikur u organizzazzjonijiet oħra speċjalizzati fl-għajnuna lill-minorenni.
58. Tipprovdi informazzjoni aċċessibbli u adatta għall-età u appoġġ dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet u r-rapportar tagħha permezz tal-portal Internet aħjar għat-tfal (BIK) u ċ-Ċentri għal Internet Aktar Sikur.

59. Tappoġġa l-implimentazzjoni ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-Istati Membri kollha, inkluż, meta xieraq u f'konformità mal-approċċi nazzjonali, rekwiżiti tal-età minima, fir-rigward tal-prevenzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza ċibernetika kontra l-bniet u r-rispons għalihom, u tiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba dwar tali sistemi fil-livell tal-UE.
60. Fi ħdan il-programmi ta' finanzjament eżistenti tal-UE, tappoġġa azzjonijiet nazzjonali u transfruntieri biex tiġi prevenuta u indirizzata l-vjolenza ċibernetika kontra l-bniet, inkluż l-abbuż relatat mal-IA, u jissaħħu r-riċerka, is-sensibilizzazzjoni, il-litteriżmu diġitali u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet.
61. Tkompli bit-tħejjija għas-superviżjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-IA għall-fornituri ta' mudelli bi skop ġenerali (GPAI), inkluż dawk li joħolqu riskju sistemiku.
-

Referenzi

1. Leġislazzjoni tal-UE

Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data). ĠU L 119, 4.5.2016, pp. 1–88.

Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtazjiet tas-suq li qed jinbidlu. ĠU L 303, 28.11.2018, pp. 69–92.

Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi ("Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà") ĠU L 151, 7.6.2019, pp. 70–115.

Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali). ĠU L 277, 27.10.2022, pp. 1–102.

Id-Direttiva (UE) 2024/1385 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. ĠU L, 2024/1385, 24.5.2024, pp. 1-36.

Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, ĠU L 315, 14.11.2012, pp. 57-73.

Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali). ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, pp. 1-144.

Id-Direttiva (UE) 2024/1712 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu.

2. Kunsill

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eradikazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa fl-Unjoni Ewropea (id-dokument 6585/10)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza tal-LGBTI (id-dokument. 10417/16)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Impatt tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fis-Suq tax-Xogħol (id-dokument 14750/21)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal. (id-dokument 10024/22)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Integrazzjoni ta' Perspettiva tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fil-Politiki, il-Programmi u l-Baġits (id-dokument 9684/23)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-awtonomizzazzjoni diġitali biex jiġu protetti u infurzati d-drittijiet fundamentali fl-era diġitali. (id-dokument 14309/23)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tiŝiħ tal-Pożizzjoni Ekonomika u l-Indipendenza Finanzjarja tan-Nisa bħala Perkors lejn Ugwaljanza Sostantiva bejn il-Ġeneri (id-dokument 9752/24)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur taċ-Ċibersigurtà: nimplimentaw u nipproteġu flimkien (id-dokument 10133/24)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tiŝiħ tas-Saħħa Mentali tan-Nisa u tal-Bniet bil-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (id-dokument 16366/24)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolesxenti fl-era diġitali (id-dokument 9069/25)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri fl-Era Diġitali Mmexxija mill-IA: is-sitt rieżami orizzontali tal-implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE (id-dokument 9984/25)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Vjolenza kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika: prevenzjoni, identifikazzjoni bikrija u intervent (id-dokument 14029/25)

3. Eurostat, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

EU gender-based violence survey (Stħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru) (2024)

EU gender-based violence survey - Evidence for policy and practice (Stħarriġ tal-UE dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru - Evidenza għall-politika u l-prattika) (2026)

4. Il-Kummissjoni Ewropea

L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, COM(2021) 142 final

L-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, COM (2021) 171 final

L-istrateġija tal-UE għal Internet Aħjar għat-Tfal (BIK+), COM (2022) 212 final

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1238 tat-23 ta' April 2024 dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal

Il-Pjan Direzzjonali għad-Drittijiet tan-Nisa. (id-dokument 6756/25. Referenza tal-Kummissjoni: COM (2025) 97 final

L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza Bejn il-Ġeneri għall-2026-2030, COM(2026) 113 final

L-Istrateġija kontra r-razziżmu 2026-2030, COM(2026)12 final

L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030, COM (2025) 725 final

L-istatistika u x-xejriet fit-traffikar tal-bnedmin fl-Unjoni Ewropea fl-2021-2022 li jakkumpanjaw ir-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-progress li sar fl-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (il-Ħames Rapport), SWD (2025) 4 final

Il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom għall-ugwaljanza, għall-inklużjoni u għall-parteċipazzjoni, COM(2020)620 final

L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, COM(2021) 101 final

Il-Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Bullying Ċibernetiku, COM (2026) 71 final

5. **Parlament Ewropew**

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2016 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa fl-era diġitali (2015/2007(INI))

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2021 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru: il-vjolenza ċibernetika (2020/2035(INL))

6. **Kumitat tar-Reġjuni**

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Protezzjoni taż-Żgħażaġħ u l-Minorenni fl-Isfera Diġitali (2026)

7. **Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)**

"Combating cyber violence against women and girls" ("Il-Ġlieda kontra l-Vjolenza Ċibernetika kontra n-Nisa u l-Bniet"). (2022)

"Tackling cyber violence against women and girls: the role of digital platforms" ("L-indirizzar tal-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa u l-bniet: Ir-rwol tal-pjattaformi diġitali"). (2024)

"From lived reality to policy action: combatting cyber violence against girls in the EU" ("Mir-realtà haġja għal azzjoni politika: Il-ġlieda kontra l-vjolenza ċibernetika fuq il-bniet fl-UE"). (2025) (id-dokument 9800/26)

8. **Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)**

Violence against women: an EU-wide survey (Il-vjolenza kontra n-nisa: sħarriġ madwar l-UE kollha). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. (2014)

Moderazzjoni tal-Kontenut Online – Sfidi attwali fid-detezzjoni tad-diskors ta' mibegħda (2023)

9. Nazzjonijiet Uniti

Konvenzjoni tal-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal. (1989)

Dikjarazzjoni u Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing. (1995)

Il-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, speċjalment ta' Nisa u Tfal, li jissupplementa l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali. (2000)

Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. (2006)

Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar il-Vjolenza Kontra n-Nisa, il-Kawżi u l-Konsegwenzi tagħha dwar il-Vjolenza Online kontra n-Nisa u l-Bniet minn Perspettiva tad-Drittijiet tal-Bniedem. (2018) (A/HRC/38/47)

Proġett Ċibersikur. (2020). Il-Vjolenza Ċibernetika Kontra n-Nisa u l-Bniet: rapport dwar is-Sejbiet u l-Qafas tar-Riċerka. Università ta' Ljubljana. Iffinanzjat mill-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea (2014–2020)

Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal; Il-Kumment Ġenerali Nru 25 (2021) dwar id-drittijiet tat-tfal fir-rigward tal-ambjent diġitali.

10. Kunsill tal-Ewropa

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (CETS Nru 210)

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Persuni (CETS Nru. 19)

Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali (il-Konvenzjoni ta' Lanzarote) (CETS Nru 201)

Il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt (CETS Nru 225)

Il-Linji Gwida tal-Komitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja adattata għat-tfal (2010)

CM/Rec (2026)1 - Rakkomandazzjoni tal-Komitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar l-ugwaljanza u l-intelliġenza artifiċjali

Cm/Rec (2026) 2 — Rakkomandazzjoni tal-Komitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà għall-vjolenza ffaċilitata mit-teknoloġija kontra n-nisa u l-bniet

Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 1 tal-GREVIO dwar id-dimensjoni diġitali tal-vjolenza kontra n-nisa (2021)
